# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar il-Gimgha 23 t'Ottubru 2015**

**Mandat Numru : 1518/2015/1 JPG**

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875)**

**-VS-**

**General Workers' Union**
**u**
**il-Union Haddiema Maghqudin**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875) tal-25 ta' Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet taghha;*

*Illi l-esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm l-intimati milli:*

*(i) Jibdew u/jew ikomplu u/jew jordnaw u/jew jippromwovu u/jew isejhu u/jew jincitaw u/jew jinstigaw u/jew bi kwalunkwe mod iehor jorganizzaw jew jippartecipaw, b'direttivi diretti jew indiretti, f'azzjoni/ijiet industrijali bil-*

*partecipazzjoni taghhom stess jew tal-membri taghhom jew ohrajn inter alia fil-forma ta' strike tal-haddiema u/jew tax-xufiera impjegati mas-socjeta' rikorrenti jew biex jitwaqqaf jew jitnaqqas l-operat tas-socjeta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited – liema operat huwa specifikament protett ai termini tal-KAP 452 u li cioe' ma jistax jitwaqqaf fl-intier tieghu tramite l-istess azzjonijiet industrijali u dan stante illi tali azzjonijiet jikkonsistu f'azzjoni industrijali illegali ghar-ragunijiet segwenti:*

*Ir ragunijiet li jsostnu din it-talba huma s-segwenti :*

1. *Illi, kif ser jigi spjegat, l-azzjonijiet industrijali huma bi ksur lampanti tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi regolamenti stretti rigward tilwim industrijali f'kuntest ta' operat tat-trasport pubbliku ghall-passiggieri f'Malta u Ghawdex u liema regolamenti qed jigu ghal kollox injorati u miksura mill-intimati u konsegwentement mill-haddiema li qed isegwu l-ordnijiet jew id-direttivi taghhom;*

   *U*

2. *Illi, kif ser jigi spjegat, l-azzjonijiet huma abbuzivi u jikkonsistu biss f'rikatt ingust li ma jistghux, fic-cirkostanzi, jigu kkunsidrati bhala tilwima industrijali legali;*

*FATTI*

3. *Illi s-socjeta' rikorrenti Malta Public Transport Services (Operations) Limited, tramite Concession Agreement mal-Gvern ta' Malta, hija operatrici ta' 'servizzi tat-trasport pubbliku ghall-passigieri' f'Malta u Ghawdex ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta u li permezz tal-Concession Agreement ghandha l-obbligu illi tintroduci service levels godda fis-servizz tat-trasport pubbliku, fosthom mezzi u rottot godda, bil-kundizzjoni li jekk tonqos milli taghmel dan fi zmien stipulat tista' ssofri konsegwenzi negattivi fostom penali.*

4. *Illi permezz ta' konferenza stampa msejjha mill-General Workers Union nhar il-24 ta' Settembru 2015, r-rapprezentanti tal-istess union (li ghal kul buon fini, sa'llum hija l-union rikonoxxuta mill-kumpannja rikorrenti) habbru illi kienu qeghdin*

*isejhu azzjoni industrijali fil-forma ta' full-day strike tax-xufiera u l-haddiema kollha nhar il-25 ta' Settembru 2015, b'riserva ghal-azzjoni ulterjuri inkluz nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 2015, bil-ghan illi jitwaqqaf kompletament is-servizz tat-trasport pubbliku ghal-passigieri gewwa Malta u Ghawdex u dan wara li ma kien hemm ebda zblokk fit-"tahdidiet" bejn s-socjeta' rikorrenti u l-General Workers' Union rigward il-ftehim kollettiv gdid li qieghed jigi nnegozjat prezentement bejn il-partijiet u li ghandu jidhol fis-sehh wara li jiskadi il-ftehim kollettiv vigenti fil-bidu tas-sena 2016.*

5. *Illi in oltre, il-Union Haddiema Maghqudin ('UHM') ukoll ikkonfermaw illi qieghdin jappoggaw l-istess azzjoni industrijali;*

6. *Illi ghaldaqstant, bhala stat ta' fatt, il-maggoranza tal-haddiema u xufiera tal-kumpanijja rikorrenti ma hadmux id-dmirijiet tax-xoghol taghhom kif ordnat mill-General Workers Union b'appogg tal-UHM. Illi in oltre fil-fatt, l-operat tal-kumpannija fid-data ta 'llum gie milqut b'mod serju hafna, tant illi s-servizz tat-trasport pubbliku illum kien kwazi inezistenti.*

*AZZJONI INDUSTRIJALI ILLEGALI*

7. *Illi kif gja nghad aktar il-fuq, is-socjeta rikorrent umilment tissottometti illi l-azzjoni industrijali huwa illegali u bi ksur tal-ligi vigenti stante illi huwa bi ksur flagranti tal-provvedimenti tal-Artikolu 64 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li fost affarijiet ohra jiddisponi f'Artikolu 64(4) li jiddisponi li ma tistax tittiehed azzjoni ghal danni dwar ghemil minn persuna maghmul bil-hsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xoghol u skond direttiva minn trade union m'għandux ikun japplika "għal dak l-għadd ta' persuni f'dawk il-karigi li l-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, li jkun meħtieġ biex jipprovdi servizz fil-livell ta' nofs is-servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri f'Malta u Għawdex";*

8. *Illi l-ghadd ta' persuni fil-karigi mehtiega biex ikun provdut servizz ta livell ta' nofs is-servizz huwa stabilit permezz ta' l-avviz Nru 994 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 t'Ottubru tal-2011 (hawn anness u mmarkat "DOK MPTS 1");*

9. *Illi in oltre l-istess Artikolu 64(6)(g) tal-KAP 452 ikompli billi jenfasizza illi "dan għandu jitqies li jkun kondizzjoni impliċita tal-kuntratt tal-impieg ta' kull ħaddiem impjegat fis-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri pubbliku u fis-servizzi ta' trasport bil-baħar bi skeda li dak l-impjegat ikollu l-obbligu li jwettaq id-doveri tiegħu skont ma jordna l-prinċipal tiegħu biex jintlaħaq in-numru msemmi hawn aktar qabel u meta impjegat jonqos milli jwettaq id-doveri tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni huwa jista' jitkeċċa";*

10. *Illi minkejja dan kollu, bhala stat ta' fatt l-azzjonijiet industrijali li gew ordnati wasslu sabiex ma jkunx pprovdut servizz fil-livell ta' nofs is-servizzi tat-trasport pubbliku ghall-passiggieri f'Malta u Ghawdex – u dan minkejja li l-GWU kienet espressament interpellata sabiex tottempra ruhha mal-provvedimenti tal-KAP 452 qabel ma bdew l-azzjonijiet, u minkejja li l-kumpannija rikorrenti espressement avzat in-numru minimu ta' impjegati sabiex jidhlu ghax-xoghol specifikament fil-kuntest tal-Artikolu 64(6)(g) u cioe' sabiex jinzamm il-livell ta' servizz rikjest;*

11. *Illi ghaldaqstant l-azzjonijiet industrijali huma bi ksur tal-ligi nostrana tant illi d-direttivi jinjoraw ghal kollox l-istess provvedimenti u sahansitra kienu intenzjonati u fil-fatt wasslu sabiex il-haddiema stess jiksru l-ligi u sahansitra jiksru l-kundizzjoni implicita fil-kuntratt tax-xoghol taghhom li tobbligahom li jahdmu f'dawn ic-cirkostanzi, hekk kif jiddisponi l-Artikolu 64(6)(g) u li essenzjalment tnehhilhom il-protezzjoni moghtija mill-Artikolu 64(4) li tista ghalhekk twassal ghal konsegwenzi ohra;*

*AZZJONIJIET ABBUZIVI*

12. *Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi spjegat, l-azzjonijiet huma abbuzivi u jikkonsistu biss f'rikatt ingust li ma jistghux, fic-cirkostanzi u f'socjeta demokratika bhal ma suppost hija dik Maltija, jigu kkunsidrati bhala tilwima industrijali legali ghar-ragunijiet segwenti :*

    *(a) Illi fl-ewwel lok, jezisti ftehim bejn il-partijiet illi l-GWU m'ghandiex tiehu azzjoni industrijali fil-kuntest tad-diskussjonijiet prezenti dwar tibdiliet tal-kundizzjonijiet tax-xoghol;*

*(b) Illi, fit-tieni lok, 'llum gja jezisti ftehim kollettiv li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema tal-kumpannija rikorrenti, liema ftehim kollettiv jiskadi biss fl-ahhar gurnata ta' Dicembru tal-2015. Illi d-diskussjonijiet li qed isiru bejn il-GWU (bhala l-union rikonoxxuta) u l-kumpannija rikorrenti huma intizi biss sabiex jintlahaq ftehim dwar tibdiliet fil-kundizzjonijiet tax-xoghol li ghad iridu jidlu fis-sehh wara l-1 ta' Jannar tal-2016 (anke jekk l-hsieb kien li bi ftehim mal General Workers Union isiru non-binding trial periods tas-sistema l-gdida qabel l-ewwel ta' Jannar u dan sabiex jigi accertat illi l-kundizzjonijiet tax-xoghol huma accettabbli ghal-kulhadd u logistikament possibbli) u kwindi f'dan l-istadju ma hemm ebda obbligu jew lok li l-partijiet jaslu ghal xi ftehim partikolari dwar kundizzjonijiet tax-xoghol vigenti u m'hemm l-ebda dritt (jekk qatt jista jezisti dan id-dritt) li union b'dan il-mod tirrikatta lil-principal sabiex tintroduci tibdiliet irragjonevoli.*

*(b)Illi in oltre ma jistghax jinghad li tezisti tilwima industrijali rigward kundizzjonijet ta' xoghol ghaliex il-kundizzjonijet tax-xoghol ezistenti fil-ftehim kollettiv vigenti qieghdin jigu rrispettati fit-totalita' taghhom;*

*(c)Illi ghaldaqstant l-azzjonijiet industrijali odjerni huma ghal kollox intempestivi u prematuri, intenzjonati biss sabiex iservu ta' rikatt lejn il-kumpannija intimata stante illi l-unions jafu li s-socjeta' intimata ghandha l-obbligu li tilhaq service levels specifici fi zmien prestabbilit u kwindi qed jabbuzaw mill-haddiema taghhom permezz tad-direttivi li mhux biss mhumiex gustifikati fil-mertu izda li in oltre huma bi ksur tal-Kap 452 kif suespost;*

*(d)Illi fil-waqt li s-socjeta rikorrenti tissottometti bi-rispett illi hija mill-bidu nett kienet, u tibqa, ampjament disposta ghad-diskussjonijiet sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehim dwar kundizzjonijiet godda jew tibdiliet fil-kundizzjonijiet ghall-ahjar, u li fil-fatt hija mill-bidu kienet u ser tibqa tinnegozja in bona fede sabiex jitjieb is-servizz u l-operat taghha, u sahansitra jitjiebu l-kundizzjonijiet li fihom iridu jahdmu l-haddiema taghha, hija tikkontendi li ma tistax taccetta li habta u sabta minghajr preavviz tigi soggetta ghal dan it-tip ta' rikatt li jekk ma taccettax l-impossibbli ser ikkollha ssofri azzjonijiet li jolqtu l-operat kollu*

*taghha, li jwasslu, qed iwasslu u ser ikomplu iwasslu ghal danni sostanzjali u rrimedjabbli ghas-socjeta' rikorrenti;*

*(e)Illi tajjeb jinghad illi fil-hin illi l-General Workers' Union informat lil-kumpannija bl-intenzjoni taghha li tordna l-azzjonijiet industrijali, il-partijiet kienu ghadhom (u infatti ghadhom) involuti f'laqghat ta' konciljazzjoni mmexxija mid-Direttur tax-Xoghol u ghaldaqstant rikatt ta' dan it-tip u xorta mhux in bona fede, u mhux gustifikat.*

*(f) Illi s-socjeta rikorrenti, f'dan l-istadju, taghmel referenza ghad-dokument hawn anness u mmarkat "DOK MPTS 02" fejn johrog bic-car l-element ta' rikatt tal-GWU fejn tghid b'mod car li minkejja li l-istess union kienet taf li l-kumpannija ma setghetx tonora dak li hija kienet qed tistenna li tinghata minghand il-kumpannija fi zmien 48-il siegha, hija xorta kienet qed tistenna li tinghata dak kollu bil-kundizzjoni illi jekk il-kumpannija tghid mod iehor il-union kienet set tordna l-azzjonijiet industrijali. Il-GWU qalet b'mod dirett u abbuziv is-segwenti :*

> *"We know you said you cannot guarantee the following but we cannot agree to have it otherwise.*
>
> *Should the company fail to reply within the 48 hours we will assume that there is no agreement. We are issuing a statement to the press that industrial actions will be taken as from Thursday 24th September 15:30 if the company does not meet our requests."*

*(g)Illi bir-rispett kollu, sakemm jezisti il-ftehim kollettiv vigenti bejn il-partijiet, il-union u/jew il-haddiema ghandhom jirrispettaw dak il-ftehim bhala kuntratt bejn il-partijiet, u dan skond il-principji generali li kull kuntratt ghandu jkun ezegwit in bona fede – u ghaldaqstant m'ghandom l-ebda dritt legali jew morali illi b'rikatt, jippruvaw jimponu tibdiliet impossibbli fil-kundizzjonijiet tax-xoghol u li fin-nuqqas, jiehdu azzjonijiet industrijali li mhux biss mhumiex gustifikati izda huma in oltre illegali;*

*DRITT U PREGUDIZZJU*

13. *Illi fil-kuntest ta' dak kollu suespost il-kumpannija rikorrenti tissottometti illli ghandha l-jedd li tikkawtela d-drittijiet kollha taghha, inkluz permezz ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni, fosthom id-dritt illi twaqqaf kwalunkwe parti milli tikkawzalha danni bl-agir jew azzjonijiet taghha u d-dritt illi hija topera servizz tal-trasport pubbliku skond il-Concession Agreement illi ghandha mal-Gvern kif ukoll id-dritt illi l-ftehim kollettiv vigenti, ossia l-kuntratt bejn il-partjiiet, jigi ghal kollox osservat u mhux tkun soggetta ghal rikatt biex jinbiddlu l-kundizzjonijiet tax-xoghol ezistenti unilateralment skond dak li tiddetta l-union, u minghajr konsultazzjoni ragonevoli u ftehim ekwu bejn il-partijiet;*

14. *Illi in oltre, s-socjeta rikorrenti tissottometti bir-rispett illi f'kaz li ma jigux inibiti l-intimati kif insemmi f'dan ir-Rikors, s-socjeta' rikorrenti ser tbaghti pregudizzju irrimedjabbli inter alia stante illi:*

   (i) *b'waqfien totali tas-servizz tat-trasport pubbliku b'mod illegali sakemm idum fis-sehh l-azzjoni industrijali hija ser issofri mhux biss telf ta' danni sostanzjali f'introjtu finanzjarju mitluf li ma jistax jigi facilment rekuperat izda in oltre ser tbaghti hsara sostanzjali izda inkwantifikabbli u irrimedjabbli fir-reputazzjoni kummercjali u l-goodwill taghha minkejja l-isforzi kollha taghha biex terga tibni operat affidabbli mill-gdid wara dak kollu li gara fis-settur fil-passat recenti; u/jew*

   (ii) *illi in oltre d-danni u l-hsara kkawzati lir-reputazzjoni tas-socjeta rikorrenti jistghu potenzjalment iwasslu wkoll ghall-telf ulterjuri ta' klijentela' u/jew introjtu futur liema telf ukoll ma jistax jigi facilment kwantifkat u/jew rekuperat, u dan apparti illi l-azzjoni industrijali irresponsabbli, illegali u abbusiva, saret u qed issir ukoll ghas-skapitu tal-pajjiz kollu bl-istrike johloq inkonvenjent, dannu u hsara enormi u inkwantifikabbli lil-ekonomija tal-pajjiz kollu, kongestjoni tat-traffiku u ta' parkegg u ta' inkonvenjent ingenti ghal dawk kollha li m'ghandomx l-uzu ta' mezz tat-trasport privat; u/jew*

   (iii) *illi bil-konsegwenza tal-azzjonijiet industrijali u bir-rikatt ingust u illegali, l-istess kumpannija qed tkun esposta ghar-riskju serju li ma tkunx tista tonora l-*

> *obbligi li hi ghandha mal-Gvern ta' Malta fil-ftehim li permezz tieghu hija ghandha l-obbligu li toffri s-servizz tat-trasport lill-pubbliku b'service levels ferm oneruzi;*

*Illi fl-opinjoni umli tal-kumpanija rikorrenti, fl-isfond tas-suespost, jinkorru l-elementi rikjesti mil-ligi biex tintlaqa t-talba ghal hrug tal-mandat stante illi huwa car u manifest illi prima facie l-kumpanija ghandha dritt x'tikkawtela u li ghalhekk l-hrug tal mandat huwa necessarju ghaliex jekk ma jinharigx il-kumpanija rikorrenti ser issofri pregudizzju irrimedjabbli;*

*Filwaqt li l-kumpannija esponenti tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lila inkluz li zzomm l-Unions intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni, ghar-ragunijiet suesposti u biex tikkawtela id-drittijiet taghha, is-socjeta rikorrent qed titlob li din l-Onorabbli Qorti, bir-rispett, li jinhareg tali mandat ta' inibizzjoni u titlob illi fic-cirkostanzi, stante n-natura tal-kwistjoni, li din it-talba tintlaqa provizjorjament.*

*Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma' jiġux inibiti kif ingħad*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija. "*

Rat id-digriet tal-25 ta'Settembru 2015 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament u <u>limitatament</u> sabiex jigi provdut servizz ta' nofs is-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta u Ghawdex u dan kif mahsub fl-Artikolu 64(6)(G) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u skond l-avviz legali numru 994 taht Kapitolu 452 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 t'Ottubru 2011, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza fid-29 ta' Settembru 2015 fl-10:30am;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Union Ħaddiema Magħqudin ta' 'Dar Reggie Miller', Triq San Tumas, il-Furjana, Malta tat-28 ta' Settembru 2015 (a fol. 19 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi permezz ta' digriet mogħti minn dina l-*Onorabbli Qorti *fil-25 ta' Settembru 2015, l-esponenti ġiet mogħtija l-fakultà illi twieġeb għar-rikors ippreżentat mill-kumpannija rikorrenti fil-25 ta' Settembru 2015;*

2. *Illi permezz tal-preżenti, l-esponenti jirrileva illi t-talba tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni de quo fil-*konfront *tal-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħudha, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti, u dan peress illi ma jirriżultawx sodisfatti r-rekwiżiti rikjesti mil-liġi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-*konfront *tal-esponenti stante li dina mhijiex il-leġittimu kontradittur;*

3. *Illi minn analiżi tar-rikors promotur ma jirriżultax illi l-*kumpannija rikorrenti *għandha xi jedd fil-*konfront *tal-esponenti illi jista' jiġi kkawtelat permezz tal-mandat de quo, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   a. *Illi minkejja li fil-ġimgħat li għaddew ġew intavolati proċeduri quddiem il-Qrati u Tribunal Maltin sabiex l-esponenti tiġi rikonoxxuta bħala l-Union li tgawdi l-maġġoranza tax-xufiera tal-karozzi tal-linja, fil-preżent l-intimata General Workers' Union hija l-*Union *rikonoxxuta mill-kumpannija bħala l-*Union *li tgawdi l-maġġoranza tal-ħaddiema fi ħdan il-kumpannija;*

   b. *Illi, jidher mill-fatti spjegati fir-rikors promotur tal-kumpannija rikorrenti li kienet l-intimata General Workers' Union illi sejħet / irreġistrat l-*azzjonijiet industrijali *fil-forma ta' full day strike tax-*xufiera *u l-ħaddiema kollha nhar il-25 ta' Settembru 2015 b'riserva għal azzjonijiet ulterjuri inkluż nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 2015 u kjarament mhux l-*esponenti. Di fatti *l-*esponenti *ma kinitx parteċipi fl-*organizzar *u fid-deċiżjoni rigward il-*forma *tal-azzjonijiet industrijali. Għalhekk isegwi li l-esponenti mhijiex / ma kinitx f'pożizzjoni illi tottempera ruħu mat-talba indikata fir-rikors promotur. Huwa għalhekk illi umilment tenfasizza li mhijiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u li l-*

*kumpannija rikorrenti ma setgħet qatt tikkawtela dritt li tippretendi li għandha permezz tal-mandat de quo fil-konfront tal-esponenti;*

c. *Illi kif jidher anke mill-korrispondenza esebita l-esponenti lanqas biss kienet parteċipi fin-negozjati / fid-diskussjonijiet / fil-laqgħat ta' konċiljazzjoni li wasslu għall-azzjonijiet industrijali mertu ta' din il-kawża u dan għaliex il-kumpannija tkompli tostenta milli tagħti r-rikonoxximent tal-maġġoranza tal-ħaddiema lill-esponenti u għalhekk din tal-aħħar ma tistax tifhem għalfejn il-kumpannija rikorrenti qiegħdha tippretendi li għandha xi dritt fil-konfront tal-esponenti li jista' jiġi kkawelat;*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u tirrevoka contrario imperio fil-konfront tal-esponenti d-digriet tagħha tal-25 ta' Settembru 2015.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti.*

Rat ir-risposta tal-General Workers' Union tat-28 ta' Settembru 2015 (a fol. 21 et seq) li taqra hekk:

*"Illi il-Union esponenti umilment tirrileva li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern b'mod definittiv u dan abbażi tas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li l-azzjoni industrijali ta' strike ġenerali mill-ħaddiema tas-soċjetà rikorrenti (membri tal-Union esponenti u mhux) kienet speċifika għall-25 ta' Settembru 2015. Id-direttiva tal-Union esponenti dejjem kienet speċifika għal tali data u jidher li dwar dan m'hemm ebda kontestazzjoni. Is-soċjetà rikorrenti tista' tipprova targumenta li tali direttiva saret b'riserva għal azzjoni ulterjuri, inkluż nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 2015, iżda r-riserva tibqa' dejjem tali u ċioe' waħda ipotetika li ma ġietx eskluża mill-Union pero' li fuqha baqgħet qatt ma tat direttiva, lanqas sal-mument li ġie intavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern. Dan neċessarjament ifisser li preżentement, il-mertu tal-mandat in kwistjoni huwa ormai eżawrit, stante li l-istess*

*Union esponenti ġiet notifikata bil-mandat odjern nhar il-25 ta' Settembru 2015 (u ċioe' fid-data preċiża tal-azzjonijiet industrijali) filwaqt li l-istess mandat huwa appuntat għal nhar it-28 ta' Settembru 2015. Konsegwentement, il-Union esponenti umilment tikkontendi li stante li l-ġurnata tal-azzjoni industrijali għaddiet u stante li d-direttiva tal-Union esponenti kienet dejjem intiża għal dik il-ġurnata partikolari, m'hemm ebda lok għala din l-Onorabbli Qorti għandha tkompli tisma' u tiddeċiedi l-istess mandat;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost, il-Union esponenti tirrileva li l-mandat odjern huwa intempestiv għall-aħħar u dan għaliex ġie intavolat nhar il-25 ta' Settembru 2015 u ċioe'* ***wara*** *li l-Union esponenti kienet tat id-direttiva in kwistjoni. Wara tali direttiva (li ngħatat ukoll pubbliċità permezz ta' konferenza stampa nhar l-24 ta' Settembru 2015 kif tikkonferma s-soċjetà rikorrenti stess permezz tal-mandat odjern) m'għamlet xejn aktar, għaliex oltre d-direttiva li ngħatat qabel ma ġie intavolat il-mandat odjern, ma ħadet ebda pass ieħor jew tat xi direttiva oħra. Għalhekk jirriżulta ċar li jekk verament is-soċjetà rikorrenti riedet b'xi mod tinibixxi lill-Union esponenti milli tagħmel xi ħaġa (f'dan il-kuntest milli tagħti xi direttiva) din kellha tagħmilha qabel l-24 ta' Settembru 2015 u mhux wara, għaliex wara li l-imsemmija data tal-24 ta' Settembru 2015, il-Union esponenti ma tat ebda direttiva oħra u ma ħadet ebda pass ieħor. Huwa f'dan il-kuntest kollu li l-Union esponenti targumenta li m'hemm xejn x'tista' din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-Union li tagħmel f'dan l-istadju u huwa proprju għalhekk li l-mandat odjern huwa intempestiv għaliex fil-verita' ġie intavolat meta kollox kien diġa' sar u d-deċiżjoni ta' azzjoni industrijali kienet diġa' komunikata lilhom anke permezz tal-mezzi tax-xandir;*

*3. lli mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu s-soċjetà rikorrenti targumenta li l-istrike ġenerali mingħajr ma kien hemm dak l-ammont minimu ta' servizz imur kontra l-liġi peress li s-servizz pubbliku huwa meqjuż bħala essential service iżda l-Union esponenti ma taqbilx ma' tali teżi u dan abbażi tal-Inernational Labour Office (ILO) Principles to the Right of Strike li jiddikjara li kull ħaddiem għandu d-dritt li jissieħed f'azzjoni industrijali "**with the sole possible exceptions being members of the armed and police forces, public servants who exercise authority in the name of the State and workers employed in essential services in the strict sense of the term (the interruption of which could endanger the life, safety or health of the whole or part of the***

***population), or in situations of acute national crisis****"*[1]*. Minn qari tal-istess jirriżulta b'mod ċar li s-servizz ta' transport pubbliku m'huwiex meqjuż bħala servizz essenzjali għaliex fl-ewwel lok irid ikun hemm interpretazzjoni dejqa ta' x'inhu servizz essenzjali u l-konklużjoni sabiex wieħed jasal għal jekk servizz partikolari hux essenzjali jew le iddur fuq jekk tali waqfien jistax iwassal għall-perikolu tal-ħajja ta' xi bniedem, is-sigurta' tiegħu u saħħtu jew f'sitwazzjonjiet ta' kriżi nazzjonali. Żgur li ma jistax jingħad li l-waqfien tat-trasport f'pubbliku (li skont is-soċjetà rikorrenti stess wassal għal sempliċi inkonvenjent ta' nuqqas ta' parkeġġ u konġestjoni fit-toroq) ma jistax jiġi interpretat li jaqa' taħt il-parametri li jesiġi l-ILO sabiex servizz partikolari jkun meqjuż bħala servizz essenzjali. Tant hu hekk li l-istess ILO tkompli tenfasizza li "***Requisitioning of the workers of an undertaking or institution in the event of a strike is admissible only in the case of a strike in an essential service or under circumstances of utmost gravity and in situations of acute national crisis***"*[2]*. Fid-dawl ta' dan kollu, jirriżulta li dak li qiegħda titlob is-soċjetà rikorrenti jmur lil hinn minn dak li huwa internazzjonalment rikonoxxut u ċioe' li s-servizz pubbliku ma jaqax taħt is-servizzi essenzjali u konsegwentement m'hemm xejn illegali fl-istess azzjonijiet industrijali li ttieħdu.*

*Da parti tagħha s-soċjetà rikorrenti targumenta permezz ta' Dok. MPTS2 li għandu jkun hemm 50% tal-ħaddiema jagħtu servizz pero' dak li ma tgħidx l-istess soċjetà rikorrenti hu li bl-argument li qed tipprova ġġib (u li jmur kontra r-regolament tal-ILO kif ingħad aktar 'il fuq), nofs il-ħaddiema qiegħdin jiġu mċaħħda mid-dritt li jagħmlu strike. Tali dritt, apparti li huwa wieħed fondamentali f'soċjetà demokratika, għandu jitqies bħala l-punt ta' partenza fis-sens li kull ħaddiem għandu d-dritt ta' strike u f'każijiet eċċezzjonali biss li hemm deroga minn tali dritt. Dan għaliex li ħaddiem jiġi mġiegħel jaħdem kontra xewqtu u b'mod forzat hija sitwazzjoni aborrenti f'soċjetà demokratika. Dan aktar u aktar f'sitwazzjoni fejn ħaddiema qed jiġi mċaħħad minn dritt bażiku (bħal ma huwa dak id-dritt għal pawża ta' mistrieħ wara siegħat twal ta' xogħol mhux interrott). Għalhekk jinkombi fuq l-istess soċjetà rikorrenti sabiex fl-ewwel lok turi li tali servizz pubbliku huwa wieħed essenzjali li jimmerita tali deroga u fuq kollox*

---

[1] *International Labour Office Principles to the Right of Strike, Bernard GERNIGON, Alberto ODERO & Horacio GUIDO, (1998), Article 10.B*
[2] *International Labour Office Principles to the Right of Strike, Bernard GERNIGON, Alberto ODERO & Horacio GUIDO, (1998), Article 10.I*

*li huwa raġonevoli li xi porzjoni ta' ħaddiema m'għandhomx dritt li jagħmlu strike għaliex tali deroga hija eċċezzjonali u żgur li mhux in-norma;*

*4. Illi apparti dak ċitat fil-paragrafu preċedenti, kuntrarjament għal dak li ssostni s-soċjetà rikorrenti, l-azzjonijiet industrijali li ġew ordnati mill-Union esponenti bl-appoġġ sħiħ tal-Union intimata l-oħra (l-UĦM) huma legali u fuq kollox protetti wkoll b'liġi suprema stante li l-Kostituzzjoni ta' Malta tagħti d-dritt sagrosant lil kull bniedem sabiex jissieħeb, jifforma jew jappartjeni f'xi trade union jew unions jew assoċċazzjonijiet oħra għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu*[3] *u fuq kollox li jipparteċipa f'azzjonijiet industrijali skond direttivi tal-istess Union. Dan neċessarjament ifisser li kull persuna għandha d-dritt li mhux biss tassoċja ruħha ma' xi union jew unions talli għandha wkoll id-dritt li tisma' u tobdi d-direttivi tal-istess union u dan bi protezzjoni u immunita'. Irid jingħad (għalkemm huwa ovvju) li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija l-liġi suprema u konsegwentement għandha piż ferm akbar minn kwalunkwe liġi oħra li tiċċita s-soċjetà rikorrenti, speċjalment meta jkun hemm differenza bejn liġi u oħra. Fil-fatt Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid li "**Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u tal-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett**". Dan naturalment ifisser li kwalunkwe liġi li tirristrinġi d-dritt ta' assoċċazzjoni, d-dritt li ssegwi direttivi minn Union li għandha r-rikonoxxenza neċessarja sabiex tagħti d-direttivi (liema rikonoxximent m'hemm ebda konstestazzjoni dwaru stante li s-soċjetà rikorrenti tirrikonoxxi fil-mandat stess lill-Union esponenti bħala l-Union li għandha l-akbar maġġoranza u l-Union rikonoxxuta sabiex tagħmel negozjati f'isem il-ħaddiema) u d-dritt li wieħed igawdi mill-immunita' għal xi riżarċiment ta' danni wara li jkun segwa tali direttivi tmur direttament kontra l-Kostituzzjoni u konsegwentement hija bla effett. Għalhekk, l-argument kollu tas-soċjetà rikorrenti fejn tikkontendi li l-azzjonijiet industrijali ordnati mill-Union esponenti u appoġġati mill-UĦM huma llegali u mingħajr bażi legali żgur li ma jistax ireġi għaliex il-Kostituzzjoni tipprevali fuq kwalunkwe liġi oħra;*

[3] *Ara Artikolu 42(1) tal-Kap. 1 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Illi stante li l-azzjonijiet industrijali in kwistjoni huma protetti bil-liġi u fuq kollox saru skond id-dritt fundamentali sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta, s-soċjetà rikorrenti ma tistax targumenta li jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilqax il-mandat odjern b'mod definittiv ser issofri danni rrimedjali għaliex tali argument iwassal għall-assurdita' li kull darba li Union tkun trid tuża d-dritt tagħha li tagħti direttivi ta' azzjonijiet industrijali tiġi mwaqqfa milli tagħmel dan permezz ta' mandat t'inibizzjoni. Żgur li l-għan ta' mandat t'inibizzjoni m'huwiex li jintuża b'mod frivolu u fuq kollox sabiex iwaqqaf lill-parti l-oħra milli tagħmel dak li għandha kull dritt li tagħmel bil-liġi. Il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jintuża, bħal qiegħed jintuża fil-każ odjern bil-għan li tipprova toħnoq il-vuċi tal-Union rikonoxxuta għaliex dan jirrisali għal abbuż tal-proċeduri u abbuż tal-posizzjoni li għandha l-istess soċjetà rikorrenti. Dwar l-ilmenti li tressaq is-soċjetà rikorrenti, fosthom il-konġestjoni tat-traffiku, inkonvenjenza u nuqqas ta' parkeġġ bl-akbar rispett m'humiex bażi għala dan il-mandat għandu jiġi milqugħ definittivament għaliex dawn huma biss effetti żgħar f'ġurnata partikolari tal-istess azzjonijiet industrijali. Jekk is-soċjetà rikorrenti verament riedet li ma jkunx hawn traffiku u konġestjoni żejda, allura missha rat li s-sitwazzjoni bejn il-partijiet ma teskalax sa dan il-punt. Issa li l-azzjonijiet industrijali ttieħdu (u ma kien hemm ebda sorpriża dwar dan), l-istess soċjetà rikorrenti ma tistax tgħid li l-Union ħolqot konġestjoni fit-toroq jew li kien hemm nuqqas ta' parkeġġ għaliex l-istess azzjonijiet industrijali, minnhom fihom għandhom aspett negattiv u din hija konsegwenza naturali ta' kull azzjoni industrijali. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li hemm elementi biżżejjed biex jintlaqa' tali mandat għaliex inkella ser naslu fl-assurdita' li kull inkonvenjent li jista' jinħoloq bħala frott ta' azzjoni industrijali jista' jkun bażi għal xi forma ta' mandat t'inibizzjoni. Anzi għandu jingħad li tali konsegwenzi jew inkonvenjenti żgħar misshom kienu l-warning bells għas-soċjetà rikorrenti biex tassigura li s-sitwazzjoni ma teskalax bil-mod li fil-verita' eskalat. Fi kwalunkwe każ, ironikament, il-ġurnali rrappurtaw li l-azzjoni industrijali saħansitra wasslet għal tnaqqis fit-traffiku bl-assenza tax-xarabanks fit-toroq.*

*6. Illi jiġi rilevat li kuntrarjament għal dak li ssostni s-soċjetà rikorrenti, preżentement* ***hemm tilwima*** *u din it-tilwima hija dwar in-negozjar tal-ftehim kollettiv il-ġdid. Bl-akbar rispett jiġi rilevat li l-argument tas-soċjetà rikorrenti ma jreġix għaliex biex jingħad li hemm tilwima bejn il-partijiet m'hemmx bżonn li jkun hemm ksur tal-ftehim kollettiv in vigore preżentement. Din hija interpretazzjoni restritta għall-aħħar li qed*

*tipprova tagħmel is-soċjetà rikorrenti għall-interessi tagħha stess għaliex fil-verita', **"It-terminu "tilwima ta' xogħol" hekk kif definita fl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali… jkopri l-aspetti kollha ta' l-attivitajiet fuq il-post tax-xogħol kif regolati bejn il-prinċipal u l-ħaddiem, jew il-ħaddiem u ħaddiem**…."*[4]. *M'hemmx distinzjoni dwar jekk in-nuqqas ta' ftehim jew it-tilwima tinkwadrax ruħha fuq il-ftehim kollettiv preżenti jew fuq il-ftehim kollettiv li għad irid jiġi fis-seħħ. 'Tilwima tax-xogħol' għandha definizzjoni wiesgħa biżżejjed biex tinkorpora fiha negozjati dwar ftehim kollettiv ġdid u li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha taqbel mal-argument tas-soċjetà rikorrenti, allura l-messaġġ li jkun qiegħed jintbgħat lil kull prinċipal huwa dak li jista' ma jersaqx għan-negozjati ta' ftehim kolletiv ġdid għaliex hemm ftehim kollettiv viġenti bil-konsegwenza diretta li ġialadarba hemm ftehim kollettiv in vigore u ġialadarba l-kwistjoni jew it-tilwima ma ddurx fuq xi klawsola partikolari tal-istes ftehim kollettiv imma fuq xi kwistjoni oħra, allura l-prinċipal jista' juża l-iskuża tal-ftehim kollettiv viġenti biex ikaxkar saqajh, ma jagħmel xejn u jibqa' jinħeba wara l-ftehim kollettiv preżenti. Bl-akbar umilta' jiġi rilevat li tali xenarju huwa wieħed li jxaqleb lejn id-dittatorjat u żgur li din l-Onorabbli Qorti m'hijiex ser tittollera argumenti li mhux biss m'għandhom ebda bażi legali talli huma argumenti li jmorru lil hinn mil-loġika u l-prattika tat-trejdjunjoniżmu fejn il-qofol tiegħu huwa n-negozjar u d-diskussjonijiet favur il-ħaddiem kemm f'kuntest ta' ftehim kollettiv in vigore kif ukoll fil-kuntest ta' ftehim kollettiv ġdid, li naturalment l-għan tiegħu dejjem ikun li jkun aħjar jew aktar pożittiv mill-ftehim kollettiv ta' qablu. Huwa f'dan il-kuntest kollu li l-Union esponenti ssostni li l-argument tas-soċjetà rikorrenti fejn tallega li qatt ma jista' jkun hemm tilwima bejn prinċipal u l-Union meta jkunu qed isiru diskussjonijiet u negozjati fuq ftehim kollettiv ġdid meta xorta waħda jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli ma jistax ireġi. Tali argument mhux talli ma jreġix talli ma jagħmel ebda sens legali għaliex li kieku verament dak huwa l-każ, allura kull prinċipal jista' jiddeċiedi li ma jinnegozjax u ma jidħolx f'taħditiet abbażi tal-fatt li jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli u li qed jiġi onorat. F'dan il-kuntest irid jingħad ukoll li ftehim kollettiv jibqa' in vigore anke wara d-data tal-iskadenza tiegħu sakemm ma jiġix mibdul jew sostitut bi ftehim kollettiv ieħor. Allura sakemm hemm ftehim kollettiv in vigore ma tistax tinqala' tilwima bejn prinċipal u Union? Żgur li r-risposta għal tali mistoqsija hija fin-negattiv għaliex waqt*

[4] *Deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2001 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fl-ismijiet Freeport Terminal Vs Union Ħaddiem Magħqudin*

*in-negozjati jew it-taħditiet relatati mal-ftehim kollettiv il-ġdid żgur li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' tilwima bejn is-soċjetà rikorrenti u l-*Union *esponenti u konsegwentement ma jistax jiġi argumentat li l-ftehim kollettiv preżenti ma jagħtix lok għal tilwima bejn il-partijiet;*

*7. Illi jrid jingħad ukoll li apparti li m'huwiex minnu li l-*Union *esponenti ffirmat jew daħlet f'xi ftehim mal-istess soċjetà rikorrenti fis-sens fejn obbligat ruħha li ma tordnax* azzjonijiet industrijali *fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar tibdiliet tal-*kundizzjonijiet *tax-xogħol (u għalhekk is-soċjetà rikorrenti ma tistax torbot lill-*Union *esponenti milli tordna azzjoni industrijali fejn tħoss li hija meħtieġa fil-kuntest ta' tilwima), l-*istess Union *esponenti tirrileva li anke kieku hekk kien il-każ, tali ftehim jew understanding ma jibqax in vigore hekk kif il-*partijiet *ma jibqgħux jiltaqgħu, jiddiskutu jew jieqfu jaraw li hemm verament possibilita' li jaslu għal xi forma ta' ftehim. Fuq kollox kuntrarjament għal dak li targumenta dwaru s-soċjetà rikorrenti, l-*ebda allegat *ftehim biex ma jsirux azzjonijiet industrijali (f'kuntest ta' negozjati u bil-għan li jintlaħaq ftehim) ma jista' jorbot* lill-partijiet *b'tali mod li jiġi argumentat li l-*Union esponenti *ma tistax tagħti direttivi u tordna azzjonijiet industrijali u dan qiegħed jingħad kemm abbażi tal-*Kap. 452 tal-*Liġijiet ta' Malta li tagħti d-*dritt *u l-immunita' fuq l-*istess *direttivi kif ukoll abbażi tal-*Kostituzzjoni. *Il-*Union *esponenti ma tistax tifhem l-argument tas-*soċjetà *rikorrenti meta tgħid li ma setgħux jingħataw direttivi għaliex hemm ftehim f'dan is-sens għaliex l-ebda soċjetà ma tistax torbot* Union *li għandha r-rikonoxxenza neċessarja milli tagħti dawk id-direttivi li taħseb li huma idoneji fiċ-ċirkustanzi;*

8. *Illi t-*theddida da parti tas-*soċjetà rikorrenti fis-sens li qiegħda talludi li tista' tieħu passi dixxiplinari kontra l-ħaddiema li jsegwu tali direttiva (għaliex skond hi l-azzjonijiet industrijali de quo huma llegali) m'hi xejn ħlief tentattiv ieħor da parti tas-soċjetà rikorrenti sabiex tintimida lill-ħaddiema u tagħmel minn kollox biex ma jsegwux direttiva mogħtija lilhom leġittimament mill-*Union rikonoxxuta *u bl-appoġġ tal-*Union *l-oħra, l-UĦM dejjem bil-għan li r-riżultat tal-*istess azzjoni industrijali, *jkun dak biex* titmexxa 'l quddiem *it-tilwima industrijali. F'dan il-kuntest issir referenza għal* Artikolu 64 (4) *tal-*Kap. 452 *tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:*

*"**Ma tistax tittieħed azzjoni għal danni dwar għemil minn persuna magħmul bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol u skont direttiva maħruġa minn trade union, sew jekk dik il-persuna tkun membru tagħha sew jekk le, għar-raġuni biss li tikkonsisti fi ksur ta' kuntratt ta' impieg; u kull għemil magħmul kif intqal qabel, li ma jkunx ksur ta' ftehim kollettiv, jew ta' ftehim jew deċiżjoni li jkunu għadhom jorbtu skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 70 jew 72, jew deċiżjoni jew sentenza tat-Tribunal m'għandux waħdu jagħti l-jedd lill-prinċipal li jtemm il-kuntratt ta' impieg tal-persuna li tkun għamlet l-għemil kif intqal qabel, jew li jiddiskrimina kontra tagħha, u m'għandux jitqies bħala interruzzjoni fis-servizz ta' dik il-persuna**".*

*Fil-kuntest tal-azzjonijiet industrijali li taw lok għal dawn il-proċeduri m'hemm ebda dubju li kienet il-Union esponenti li tat id-direttiva in kwistjoni. L-ebda ħaddiema ma rraportax għax-xogħol mingħajr raġuni. Kien hemm direttiva li ġiet mobdija u segwita mill-ħaddiema u x-xufiera tal-Malta Public Transport u konsegwentement ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-istess ħaddiema li obdew tali direttiva kif wara kollox kellhom kull dritt li jagħmlu. Dan qiegħed jingħad fl-isfond tat-theddida li qiegħda tagħmel is-soċjetà rikorrenti fil-konfront tal-ħaddiema għaliex apparti li mhux ġust li l-ħaddiema jkunu kkastigati talli għamlu dak li huwa dritt tagħhom sanċit mill-Kostituzzjoni, mhux legali li jittieħdu passi kontra tagħhom.*

*9. Illi l-Union esponenti umilment tissottometti li l-azzjonijiet industrijali ordnati huma in buona fede u huma ġustifikati fil-kuntest tal-fatt li n-negozjati ta' bejn l-istess Union esponenti u s-soċjetà rikorrenti waslu f'punt fejn ma kienx hemm żblokk u konsegwentement tali azzjonijiet kienu neċessarji sabiex iwassal lill-istess partijiet għal xi forma ta' żblokk. Ma jistax jiġi argumentat li l-azzjonijiet industrijali huma xi forma ta' rikatt għaliex l-istess azzjonijiet huma protetti bil-liġi, l-Union għandha kull dritt li tagħtihom u konsegwentement kull argument li tali azzjonijiet qed isiru sabiex is-soċjetà rikorrenti ssofri xi forma ta' danni huwa totalment ikkontestat. L-azzjonijiet industrijali li taw lok għall-proċeduri odjerni kellhom jingħataw proprju minħabba n-nuqqas ta' żblokk li hemm bejn l-istess partijiet u żgur li ma jistax jingħad li saru għal xejn jew b'mod frivolu kif qed tipprova tittenta tgħid is-soċjetà rikorrenti. Huwa fatt magħruf li l-ebda soċjetà m'hi ser tkun kuntenta b'azzjonijiet industrijali meħuda mill-Union rikonoxxuta pero' bl-akbar rispett, l-fatt li s-soċjetà rikorrenti ma ħaditx gost b'tali*

*azzjonijiet ma jfissirx li l-istess saru mhux in buona fede jew li m'humiex ġustifikati. L-Union użat il-mezzi legali kollha tagħha sabiex tordna tali azzjonijiet (u konsegwentement ma jistax jiġi argumntat li l-*azzjonijiet industrijali *huma xi forma ta' rikatt kontra s-soċjetà rikorrenti) u jidher li l-*istess azzjonijiet *kellhom l-effett mixtieq għaliex is-soċjetà rikorrenti qed tiddikjara li lesta li tkompli tinnegozja l-ftehim kollettiv (minkejja n-nuqqas ta' żblokk li kien hemm qabel l-*azzjonijiet industrijali *in kwistjoni). Is-soċjetà rikorrenti tippreżenta dokument (Dok. MPTS2) u li permezz tiegħu tipprova tiġġustifika l-argument tagħha fejn tgħid li minkejja li l-*Union *kienet konxja li l-kumpanija ma setgħetx tonora dak li hija qed tistenna mingħandha fi żmien 48 siegħa, ser ikun hemm* azzjoni industrijali. *Bl-akbar rispett irid jingħad li anke mill-kliem ċitat (kliem il-Union esponenti), kuntrarjament għall-*interpretazzjoni *tas-soċjetà rikorrenti li tagħti għal tali kliem, ma jirriżultax li l-*istess Union ammettiet li *l-kumpanija ma setgħetx tagħmel dak mitlub lilha fi żmien 48 siegħa. Dak li l-Union qalet huwa ċar – taf li s-soċjetà ttenni li ma tistax tagħti dak li hu mitlub minnha mill-Union (pero' ma jfissirx li l-*Union esponenti *għandha temmen dak li qed issostni s-soċjetà rikorrenti) u tisħaq li jekk ma jkunx hemm ftehim ser ikun hemm l-azzjonijiet. Għalhekk huwa ferm inġust li s-soċjetà rikorrenti tgħid li l-*Union kienet taf *li s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tagħmel dak li hu mitlub lilha bħal li kieku kienet qed titlob xi ħaġa impossibbli. Fil-verita' l-*Union *kienet* infurmata *mis-soċjetà rikorrenti li ma setgħetx iżda l-*Union *għażlet (kif wara kollox kellha kull dritt li tagħmel) li tagħżel li ma temminx li ma setgħetx imma li għax ma riditx. Fin-nuqqas ta' ftehim saru l-*azzjonijiet. Dan kollu *qiegħed jingħad għaliex is-soċjetà rikorrenti qed tipprova tagħti stampa ta' sitwazzjoni fejn il-Union għalqet għajnejha, ma semgħet xejn u kompliet bl-*azzjonijiet industrijali. *Dan m'hu minnu xejn, pero' ma jfissirx li l-*istess Union *kellha taċċetta kull ħaġa li kienet qed issostni s-soċjetà rikorrenti bħala stat ta' fatt mingħajr ebda forma ta'* kontestazzjoni;

*Illi għalhekk, in vista ta' dak suespost, il-*Union esponenti *ssostni li ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi għala din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-*talba *tas-soċjetà rikorrenti u toħroġ il-mandat b'mod definittiv u għaldaqstant l-*istess Union esponenti *qiegħda umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-*talba *b'mod* definittiv.

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti Malta Public Transport Services (Operations) Limited, hija operatur ta' servizzi ta' transport pubbliku ghall-passigieri f'Malta u Ghawdex u hija tenuta permezz ta' *Concession Agreement* li tintroduci livelli godda ta' servizzi fit-trasport, fosthom mezzi u rotot godda u fi nuqqas hija tkun esposta ghall-hlas ta' penali.

F'Konferenza Stampa tal-24 ta' Settembru 2015, rapprezentanti tal-General Workers Union, l-*union* prezentement rikonoxxuta, habbru azzjonijiet industrijali f'forma ta' xoperu tax-xuffiera u l-haddiema kollha ghal gurnata tal-ghada il-25 ta' Settembru 2015 b'reserva ghall-azzjonijiet ulterjuri ghal gurnata tas-Sibt 26 ta' Settembru 2015 b'skop li jitwaqqaf kompletament s-servizz ta' trasport f'Malta u Ghawdex u dana wara **li fallew t-tahdidiet u negozjati bejn il-kontendenti ghal-ftehim kollettiv gdid li huwa mmirat li jibda fil-bidu ta' 2016**.

L-Union Haddiema Maghqudin appoggjaw l-istess azzjoni industrijali.

Is-socjeta' rikorrenti ezebiet Dok. MPTS02 li huwa l-avviz ghall-azzjoni industrijali, liema avviz gie moghti lis-socjeta' rikorrenti waqt illi t-tahdidiet bejn il-partijiet kienu ghadhom ghaddeja.

Is-socjeta' rikorrenti sostniet illi bil-waqfien tas-servizzi tat-Trasport Pubbliku kawza tal-azzjoni industrijali, hija kienet sejra ssofri mhux biss telf ta' danni sostanzjali izda hsara irrimedjabbli fir-reputazzjoni kummercjali taghha, fil-*goodwill* taghha, *goodwill* li nbena mill-gdid minkejja l-grajjiet fil-passat ricenti, u telf ta' klijentela. Illi di piu' kien

hemm konsegwenzi ghal pajjiz shih, ghall-ekonomija, kongestjoni ta' traffiku u *parking*.

Fir-risposta taghha, l-Union Haddiema Maghqudin sostniet illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija ma sejhet u registrat ebda azzjoni industrijali fil-forma ta' *full day strike* tax-xufiera u haddiema fil-25 ta' Settembru 2015 b'riserva ghall-azzjonijiet industrijali ghas-26 ta' Settembru 2015 izda kienet il-General Workers Union li ghamlet dan; ghalhekk hija ma kienitx il-legittimu kontradittur. In oltre, kif jidher mill-korrispondenza ezebita, l-Union Haddiema Maghqudin lanqas giet inkluza fin-negozjati li wasslu ghall-azzjonijiet industrijali imsejha mill-General Workers Union.

Gie sottomess ukoll illi Union Haddiema Maghqudin intavolat proceduri ghal rikonoxximent taghha bhala *union* tal-maggoranza tal-haddiema tas-socjeta' rikorrenti. Dawn il-proceduri ghadhom pendenti. Di piu' gie ntavolat Mandat t'Inibizzjoni kontra s-socjeta' rikorrenti li giet inibita provvizorjament milli tkompli tinnegozja mal-General Workers Union pendenti l-proceduri ta' rikonoxximent.

Il-General Workers Union tikkonferma li l-azzjoni industrijali minnha msejha, kienet diretta ghal-25 ta' Settembru 2015 u ebda direttiva ohra ma nghatat minnha dwar is-26 ta' Settembru 2015, ghalhekk il-meritu tal-mandat odjern kien ezawrit. Di piu'l-Mandat t'Inibizzjoni jgib id-data tal-25 ta' Settembru 2015 meta d-direttiva kienet moghtija fil-gurnata ta' qabel cioe' 24 ta' Settembru 2015, ghalhekk l-proceduri kienu intempestivi.

In oltre Trasport Pubbliku ma kienx meqjus bhala *essential service* mill-*International Labour Office Principles to the Right of Strike* 1998 Artikolu 10.B u ghaldaqstant ma kien hemm xejn illegali f'azzjonijiet industrijali li ttiehdu.

Dan ifisser illi l-*Essential service* ta' 50% tal-haddiema kien qed jcahhad lil dawk il-haddiema mid-dritt li jaghmlu l-*istrike*.

General Workers Union sostniet illi l-azzjoni industrijali msejha minnha kienet legali u sancita mid-dritt tal-assoccjazzjoni protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-General Workers Union irriaffermat illi kien hemm ezistenti bejn il-kontendenti tilwin ta' xoghol kif stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet **Freeport Terminal vs Union Haddiema Maghqudin** deciza fit-**30 ta' Mejju 2001**.

Il-General Workers Union ghamlet referenza ghall-Artikolu 64(4) tal-Kapitolu 452 li jaghti immunita' dwar azzjoni ta' danni in segwitu t'ghemil koness ma direttiva mahruga minn *trade union*.

General Workers Union sostniet illi agixxiet in buona fede u li l-azzjonijiet taghha kienu gustifikati fil-kuntest tal-impasse fin-negozjati bejn il-kontendenti.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tqis illi ghandha taghmel referenza ghal Artikolu 64 tal-Kapitolu 452 b'mod specjali ghas-subincizi 4 u 6.

Artikolu 64 tal-Kapitolu 454 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola:

> ***64(1) Għemil minn persuna bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol ma titqiesx bħala delitt jew kważi delitt għar-raġuni biss li dak l-għemil –***
>
> ***Omissis***
>
> ***(4)Ma tistax tittieħed azzjoni għal danni dwar għemil minn persuna magħmul bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol u skont direttiva maħruġa minn trade union, sew jekk dik il-persuna tkun membru tagħha sew jekk le, għar-raġuni biss li tikkonsisti fi ksur ta' kuntratt ta' impieg; u kull għemil magħmul kif intqal qabel, li ma jkunx ksur ta' ftehim kollettiv, jew ta' ftehim jew deċiżjoni li jkunu għadhom jorbtu skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 70 jew 72, jew deċiżjoni jew sentenza tat-Tribunal m'għandux waħdu jagħti l-jedd lill-prinċipal li jtemm il-kuntratt ta' impieg tal-persuna li tkun għamlet l-għemil kif intqal qabel, jew li jiddiskrimina kontra tagħha, u m'għandux jitqies bħala interruzzjoni fis-servizz ta' dik il-persuna.***
>
> ***Omisses***
>
> ***(6) Is-subartikolu (4) m'ghandux ikun japplika ghal:***

***Omisses***

***(g)dak l-għadd ta' persuni f'dawk il-karigi li l-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, li jkun meħtieġ biex jipprovdi servizz fil-livell ta' nofs is-servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri f'Malta u Għawdex u nofs is-servizzi bil-baħar pubbliċi bi skeda bejn Malta u Għawdex u dan għandu jitqies li jkun kondizzjoni impliċita tal-kuntratt tal-impieg ta' kull ħaddiem impjegat fis-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri pubbliku u fis-servizzi ta' trasport bil-baħar bi skeda li dak l-impjegat ikollu l-obbligu li jwettaq id-doveri tiegħu skont ma jordna l-prinċipal tiegħu biex jintlaħaq in-numru msemmi hawn aktar qabel u meta impjegat jonqos milli jwettaq id-doveri tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni huwa jista' jitkeċċa:***

***B'dan illi, għal finijiet tas-subparagrafi (d) u (e), jekk ma jkunx intlaħaq ftehim kif imsemmi fi żmien xahar minn meta jiġi fis-seħħ dan l-Att, il-kwistjoni tkun riferuta lill-awtorità kompetenti li tirregola dak is-settur jew lit-Tribunal Industrijali skont il-każ fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet:***

***Iżda wkoll għall-fini tal-paragrafu (g) il-frażi "servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri" ikollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.***

***Omisses"***

Dan jfisser illi fejn hemm tilwima industrijali[5] u meta si tratta ta' Transport Pubbliku, d-dritt t'azzjoni industrijali, inkluz l-*istrike,* ghandu jigi ezercitat b'modd li jinzamm in operazzjoni nofs s-servizz pubbliku ghac-cittadin ta' Malta u Ghawdex.

[5] Liema stat ta' fatt ghandu jigi trattatt quddiem u deciz mit-Tribunal Industrijali jew mill-Qorti kompetenti.

Il-Qorti taghraf illi l-Parlament Malti fassal din il-ligi ghall-ezigenzi tal-pajjiz, primarjament fosthom, li Malta, a kuntrarju ta' bosta pajjizi fl-Ewropa, m'ghandhiex mezz iehor ta' Transport Pubbliku ghajr ix-xarabank; m'hemmx ferroviji; m'hemmx *underground tubes*; m'hemmx *overhead electric trams*. Lanqas ma hemm socjeta' ohra in kompetizzjoni mas-socjeta' rikorrenti li tipprovdi l-istess servizz. F'Malta minn m'ghandux karozza huwa kostrett li jaqbad transport. It-*taxis* ma jistghux jitqiesu bhala mezz ta' Transport Pubbliku fis-sens illi l-haddiem ma jlahhaqx mal-mizati taghhom.

Illi ghaldaqstant il-Qorti taghraf li s-socjeta' rikorrenti pprovat sal-grad ta' prima facie kemm l-element tal-jedd, kif ukoll l-element tal-hsara irimedjabbli, li jsarraf mhux biss f'telf finanzjarju izda f'tnaqqis ta' reputazzjoni u telf ta' klijenti. Di piu' din il-Qorti taghraf illi xoperu f'dan is-settur ifisser li jintlaqtu necessarjament il-haddiema Maltin l-ohra f'kull settur tal-ekonomija, inkluz dawk illi jahdmu fl-*essential services*. Din il-hsara hija inkwantifikabbli.

Illi ghalhekk sakemm il-Parlament Malti jaghzel li jemenda l-Kapitolu 452, u sakemm il-Qorti kompetenti ma tippronunzjax modd iehor, **il-provvedimenti tal-Kapitolu 452 jibqghu vigenti u kull *strike* tal-haddiema li jahdmu mal-*Public Transport*, kull direttiva ta' kwalunkwe *union* lil haddiema ta' dan is-settur, hu tenut li josserva il-*minimum essential service* u cioe: "nofs s-servizz tat-trasport pubbliku" skond l-Artikolu 64(6)(G) tal-Kapitolu 452 u l-Avviz Legali 994 tat-28 t'Ottubru 2011.**

Illi l-provi prima facie juru illi l-General Workers Union harget direttiva ghal *strike* fil-24 ta' Settembru 2015 waqt li l-azzjoni industrijali ta'xoperu kienet intiza ghall l-ghada 25 ta' Settembru 2015 bil-possibilita' ta' involviment tal-gurnata sussegwenti cioe' is-26 ta' Settembru 2015.

Din il-Qorti taghraf ukoll illi mill-provi prima facie jirrizulta illi l-Union Haddiema Maghqudin, ghalkemm ma harget ebda direttiva per se u ma tat ebda notizja ta' disputa jew azzjoni industrijali, madanakollu jidher car li l-Union Haddiema Maghqudin uriet, b'mod tangibbli li ppartecipat f' dan l-*istrike*.

In fatti Dok. MPTSA1 a fol. 35, li huwa l-*website* tal-Union Haddiema Maghqudin turi li s-Segretarju Generali tal-Union Haddiema Maghqudin **attenda personalment,**

**kellem u indirizza lix-xufiera fil-Venda tal-Belt, waqt illi dawn kienu ghaddejin bl-azzjoni industrijali u ringrazzja lill-istess haddiema li urew tali solidarjeta'.**

Di piu', fuq l-istess *website* tal-Union Haddiema Maghqudin, hemm indikat il-kliem hawn that citati:

***"Josef*** (Vella) ***irrefera ghar-ringrazjamenti li ghamlet il-GWU talli l-UHM ippartecipat f'din l-azzjoni industrijali."-*** Vide fol. 36 tal-atti processwali.

Ghaldaqstant in vista ta' provi fuq partecipazzjoni attiva da parti tal-Union Haddiema Maghqudin fix-xoperu tal-haddiema f'dan is-settur, il-Qorti ma tarax kif tista' takkolji dak minnha eccepiet.

Kien ghalhekk illi l-Qorti kienet akkordat il-Mandat t'Inibizzjoni provvizorjament u limitatament sabiex iz-zewg intimati jqisu li jigi provdut is-servizz minimu skond il-ligi u cioe' nofs is-servizz tat-Trasport Pubbliku f'Malta u Ghawdex.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti akkordat ukoll gimgha zmien sabiex il-kontendenti ikollhom l-opportunita', taht il-*caveat* tad-digriet taghha biex jaslu fil-ftehim kollettiv gdid li jkun gust u xieraq ghal haddiema.

Minkejja dan, il-ftehim ghadu ma ntlaqax.

Il-Qorti taghraf di piu', illi gia la darba l-iskop tal-Mandat t'Inibizzjoni kien dirett ghall-azzjoni industrijali tal-25 ta'Settembru 2015 u possibilment dik tas-26 ta' Settembru 2015, ma jidhirlhiex illi hemm utilita' li l-Mandat t'Inibizzjoni jibqa' fis-sehh, 'l ghaliex il-ghan li ghalih gie intavolat, intlahaq.

Ic-cirkostanzi f'din l-azzjoni industrijali u c-cirkostanzi li taw lok ghall-azzjoni industrijali li ghaliha tirreferi s-sentenza tat-**23 ta' Lulju 2001** fl-ismijiet **James Pearsall et vs Maurice Zarb Adami nomine**, kienu differenti minhabba li fil-kaz in ezami, gie mizmum u sostnut l-avviz t'azzjoni industrijali ghall-gurnata tas-26 ta' Settembru 2015 u cioe' l-ghada li gew intavolati dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti, tichad t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghas-sosteniment tal-Mandat t'Inibizzjoni;

Tirrevoka d-digriet taghha tal-25 ta' Settembru 2015;

Tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moghti kameralment illum 23 t'Ottubru 2015**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**